**235. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi hija x-xewqa ta' din il-Kamra illi s-sistema demokratiku f'pajjiżna kif ukoll is-sigurtà u l-istabilità tal-Istat għandhom jiġu mħarsa kif inhu xieraq b'kull mezz u b'mod partikolari b'liġijiet magħmulin apposta għal dan il-għan;

U billi dawn il-liġijiet għandhom jaħsbu biex isaħħu dan is-sistema demokratiku billi fost affarijiet oħra -

a) ma jħallux li dan is-sistema demokratiku jiġi imminat minn indħil barrani li ma jħallix isseħħ ir-rieda ħielsa tal-poplu tagħna, u

b) irażżnu b'peni ħorox kull attività li thedded is-sigurtà u l-istabilità tal-Istat jew il-proċess demokratiku;

U billi din il-Kamra tħoss li jkun xieraq u utili li jinħatar "select committee" tal-Kamra biex jifli dawk il-liġijiet eżistenti li jirrigwardaw l-għanijiet hawn fuq imsemmija u jirrikmanda x'tibdil huwa meħtieġ biex jintlaħqu aħjar dawk l-għanijiet;

Għaldaqstant tiddeċiedi billi taħtar dan is-"select committee" tal-Kamra li jkun kompost mill-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament bħala Chairman u erba' membri oħra tal-Kamra li tnejn minnhom ikunu minn naħa tal-Gvern u tnejn oħra minn naħa tal-Oppożizzjoni; u li dan is-"select committee" ikun jista' jirregola l-proċedura tiegħu, minkejja kull provvediment fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra; iżda l-quorum għandu jkun ta' tliet membri, u ċ-chairman għandu jkollu u jeżerċita l-'casting vote' f'kull każ fejn il-voti jkunu ndaqs.

04.07.1985